MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 100/2010

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li jaqra' hekk:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-wiehed u tletin ta' Dicembru tas-sena elf disa mija disa u sebghin (31/12/1979) u miz-zwieg taghhom ghandhom sebat itfal, lum tnejn biss minuri Shieradye li twieldet fis-7 ta' Marzu 1994 u Yanzelye li twieldet fil-15 ta' Mejju 2001;

2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqatx aktar possibbli minhabba li l-intimat irrenda ruhu hati lejn l-esponenti ta' adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid, swat u ingurji gravi li rrendew il-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli;

3. Illi dan kollu ser jigi debitament ippruvat fil-mori tal-kawza;

4. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghal separazzjoni personali mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet, u ghalhekk l-esponenti qed tipprocedi f'din l-istanza;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lill-intimat fosthom adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid, swat u ingurji gravi li rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-ulied mmun f'idejn l-esponenti esklussivament;

3. Tiffissa manteniment ghar-rikorrenti u ghall-ulied minuri u tikkundanna lil intimat ihallas tali manteniment hekk kif likwidat;

4. Ixxolji, tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b' dan li meta tasal biex tiddividi u tassenja l-istess komunjoni, tigi stabbilita data minn meta l-intimat jitqies li iddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti u dan previa ta' nomina ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjeta' tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuratur sabiex jipprezenta 1-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tillikwida l-assi parafemali tal-esponenti u tassenjahom lil istess esponenti;

6. Tawtorizza lil esponenti sabiex flimkien mal-rninuri tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-intimat;

7. Tapplika kontra l-intimat s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota guramentata tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra hekk:-

1. Illi l-esponenti jaqbel li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli u di fatti huwa intavola kawza fl-ismijiet inversi Citazzjoni numru 91/2010NC li tinsab appuntata ghat-13 ta' Ottubru 2010;

2. Illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu kollha michuda u dana minhabba li z-zwieg ta' bejn il-konjugi B tfarrak minhabba htijiet imputabbli lill-mara kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' dina l-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

4. Bl-ispejjez.

Rat il-provi imressqa sew f'din il-kawza, sew fil-kawza fl-ismijiet inversi li qed tinstema kontestwalment mal-kawza odjerna.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija kontestwalment fl-ismijiet inversi numru 100/10 RGM, inkluz il-motivazzjonijiet hemm spjegati u li a skans ta' ripetizzjoni qed tadotthom fl-intier taghhom u li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi qed jaghmlu parti mis-sentenza odjerna.

**Decide**.

Ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza moghtija kontestwalment il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenut billi tilqaghhom u tichadhom bil-mod segwenti;

1. Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet kien jahti unikament il-konvenut minhabba eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid, swat u ingurji gravi.

2. Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Shieradye esklussivament f'idejn l-attrici.

3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba attrici fis-sens illi tichadha fir-rigward tal-attrici proprio ghar-ragunijiet fuq spjegati u tilqaghha fir-rigward tal-minuri bil-mod u modalita' spjegati taht l-intestatura "Manteniment" fis-sentenza moghtija kontestwalment.

4. Tilqa' r-raba talba, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tordna l-likwidazzjoni u d-divizzjoni tal-istess kif ordnat taht l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti" fis-sentenza deciza kontestwalment.

5. Tichad il-hames talba peress li ma rrizultawx assi parafernali.

6. Tilqa' s-sitt talba kif dedotta.

7. Tilqa' s-seba talba kif dedotta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------